MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 25/2008

***Malta Enterprise Corporation***

***Versus***

***M.B. Sell System Limited***

Il-qorti:

Rat ir-rikors li bih il-korporazzjoni attriċi talbet illi l-qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u disgħin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€44,591.54), flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħaxijiet, li sal-aħħar ta' Diċembru 2006 telgħu għal tlitt elef, disa' mija u sitta u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,956.34), u l-imgħaxijiet ulterjuri bl-ogħla rata li tagħti l-liġi, b'titolu ta' radd ta' self skond kuntratt tal-15 ta' Novembru 2002 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, u dan għax il-konvenuta waqgħet lura fil-ħlasijiet li ntrabtet li tagħmel;

Rat in-nota tas-soċjetà konvenuta tat-8 ta' Frar 2008 li biha ammettiet it-talba tal-korporazzjoni attriċi:
Għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-korporazzjoni attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u disgħin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€44,591.54), u tlitt elef, disa' mija u sitta u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,956.34) imgħaxijiet sal-31 ta' Diċembru 2006, flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri bl-ogħla rata li tagħti l-liġi u l-ispejjeż mitluba fir-rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------